TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

Avviż Numru CCT 310/10

**John Bugeja**
**vs**
**Kevin Borg**

Illum 11 ta' Ġunju, 2012

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fil-11 ta' Awwissu, 2010 fejn ir- rikorrenti talab danni ta' mitejn u erbgħa u sebgħin ewro (274), rappreżentanti prezz ta' diversi tiswijiet tal-magna tal-ħasil u xorta baqgħet bil-ħsara.

L-intimat ippreżenta risposta bil-miktub għal din it-talba, minkejja li m'attendiex għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li huwa l-istess rikorrenti, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottometta bil-miktub illi huwa kien ħa l-magna tal-ħasil għand l-intimat sabiex isirulha xi tiswijiet diversi drabi u minkejja li saru t-tiswijiet, dawn ma swew għalxejn.

**It-Tribunal jinnota illi:**

L-intimat, debitament notifikat kemm bl-Avviz tat-Talba, kif ukoll bid-data u l-ħin tas-smiegħ, u msejjaħ tliet darbiet, baqa' ma deherx għas-seduta, minkejja li ssottometta risposta bil-miktub.

It-Tribunal jinnota illi l-verżjoni tar-rikorrenti hija kredibli u aċċettabli.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti, u jordna lill-intimat iħallas l-ammont ta' mija, w erbgħa u għoxrin ewro (€124), b'dan illi l-intimat għandu jirritorna lura l-magna tal-ħasil lir-rikorrenti, u bl-ispejjeż kontra l-istess intimat.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 – MALTA
TELEPHONE: (+356) 21227070. FAX: (+356) 21239888